MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Appell Civili Numru. 572/2008/1

**Anthony u Iris konjugi Debattista**

**v.**

**Martin u Miriam konjugi Sacco**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li ressqu l-atturi fit-3 ta’ Gunju 2008, li jaqra hekk:

“1. Illi l-esponenti jiddetjenu, il-fond, ossia porzjon raba’, kif indikat fuq l-annessa pjanta mmarkata Dok EC1, liema

porzjoni jagħmel parti minn territorju ta’ raba’ magħruf bħala “Ta’ Misraħ is-Sinjura”, ġewwa l-Qrendi, u dan a bażi ta’ applikazzjoniji numru 3415 (numru tal-*file* tad-Dipartiment tal-Uffiċju Konġunt numru J 49/2002/I/34), dwar Skema tal-Gvern, għall-Kiri ta’ Raba’, u effettivament jippossjedu u jaħdmu dan il-porzjon raba’.

“2. Illi riċentament, u ċjoe’ lejn l-aħħar ta’ April 2008, u sussegwentement, l-intimati, abbusivament, illegalment u mingħajr ebda awtorizzazzjoni mingħand l-esponenti, għaddew jew inkarigaw terzi persuni jgħaddu minn fuq dan il-porzjon raba’ maħduma mill-esponenti, u dan sabiex jaċċedu għal fuq il-porzjon raba’ maħduma mill-istess intimati, u ċjoe’ dik immarkata bl-aħdar fuq il-pjanta annessa u mmarkata Dok EC 1, u dan bir-riġel, kif ukoll permezz ta’ meżżi oħrajn, inkluż inġenji (kif jindikaw ir-ritratti annessi u mmarkati Dok EC2 sa Dok EC7 – u li l-lok minn fejn ittieħdu dawn ir-ritratti huwa ndikat fuq l-istess pjanta Dok EC 1).

“3. Illi l-intimati għandhom passaġġi oħrajn, illi ilhom hemm għexieren ta’ snin, kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-provi, minn fejn jistgħu jaċċedu għall-għalqa maħduma minnhom, u *inoltre* ma jeżisti l-ebda passaġġi minn fuq l-għalqa tal-esponenti.

“4. Illi b’dan l-aġir, l-intimat, b’mod klandestin, spussessaw u spoljaw lill-esponenti mill-pussess tal-proprjeta’ li huma jiddetjenu, u għalhekk dan l-aġir jagħti lok għall-eżerċizzju tal-‘*actio spolii*’, kontra tagħhom.

“Għaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti;

“1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati spussessaw u spoljaw b’mod klandestin u vjolenti lir-rikorrenti, mill-pussess u l-godiment tal-proprjeta’ li huma jiddetjenu, hekk kif indikat; u

“2. Konsegwentement, tordna lill-intimati jerġgħu iqiegħdu mill-ġdid fil-pussess lir-rikorrenti, u dan billi tordna lill-intimati, jiġu nibiti milli jaċċedu, minn fuq il-

porzjon raba' li jiddetjenu r-rikorrenti, u ċjoe' dik indikata bl-aħmar fuq il-pjanta annessa u mmarkata Dok EC1, liema porzjon jagħmel parti minn territorju akbar magħruf bħala "Ta' Misraħ is-Sinjura" ġewwa l-Qrendi.

"Bl-ispejjeż kontra l-intimati, minn issa nġunti għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi

"1. Illi ma huwiex minnu li l-konvenuti aċċedew mill-imsemmi passaġġ kif ingħad fir-rikors ġuramentat fl-aħħar t'April 2008, iżda ilhom jeżerċitaw dan id-dritt ta' passaġġ mill-1977, u dan kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża u kwindi l-azzjoni hija pależament perenta. Għalhekk il-konvenuti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

"2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, lanqas huwa minnu illi l-konvenuti spussessaw jew spoljaw lill-atturi, għaliex dan id-dritt ta' passaġġ kien dejjem jeżisti bħala wieħed neċessarju biex huma jkunu jistgħu jittraversaw minn fuq l-għalqa allegatament imqabbla lill-atturi mingħand il-Joint Office.

"3. Illi in sostenn ta' dak fuq imsemmi, irid jiġi ribadit illi l-uniku passaġġ bi dritt li għandhom il-konvenuti sabiex jaċċedu għall-għalqa tagħhom hija minn fuq l-għalqa ta' l-atturi li allegatament jikru mingħand il-Joint Office. Kwalunkwe aċċess ieħor legali ma jeżistix, u dan ikompli jsostni kemm tassaw dal-passaġġ huwa wieħed li jiġu utiliżżat mill-konvenuti.

"4. Illi ma jeżistux l-elementi għalhekk u l-ingredjenti għall-azzjoni ta' spoll peress li l-atturi ma ġewx spoljati mill-pussess ta' dan il-passaġġ fit-termini ta' dak li tgħid il-liġi.

"5. Illi kwantu għat-tieni talba irid jingħad illi dina l-Onorabbli Qorti ma tistax takkolji t-talba għall-inibizzjoni kif hemm kontenuta u dan fid-dawl li f'ebda waħda mit-talbiet

ma ntalbet dikjarazzjoni sabiex jiġi asserit id-dritt li il-atturi qegħdin jivvantaw. Għalhekk fi kwalunkwe każ iżda mingħajr preġudizzju għas-suespost, din it-talba ma tistax tiġi akkolta.

“6. Salvi risposti *ossia* eċċezzjonijiet oħra.

“Bl-ispejjeż kontra l-atturi, minn issa nġunti għas-subizzjoni.”

Rat is-sentenza moghtija mil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Marzu, 2012, li in forza taghha laqghet ir-raba’ u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenuti u lliberathom mill-osservanza tal-gudizzju; l-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-atturi;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi kif jidher ċar mir-rikors promotur din hija kawża ta’ spoll. L-atturi qed isostni illi l-konvenuti kkommettew dan l-ispoll meta għaddew minn fuq il-proprjeta’ posseduta minnhom mingħajr anzi kontra l-volonta’ tagħhom. Qed jitolbu wkoll li l-konvenuti jiġu inibiti milli jkomplu jgħaddu minn hemm. Kif hu magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta’ spoll tirnexxi, u ċjoe’:

“1. il-pussess – ***possedisse;***

“2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta tal-attur – **spoliatum fuisse;** u

“3. li l-azzjoni issir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll – ***infra bimestre deduxisse***.

“Illi l-konvenuti qed jikkontestaw li l-atturi tneħħilhom il-pussess tat-triq in kwistjoni. Jgħidu anzi li huma ilhom jgħaddu mill-lok in kwistjoni sa mill-1977 u għalhekk l-azzjoni hija perenta sew. Fir-rigward tat-talba l-oħra, jgħidu li ma hemmx il-premessi biex din it-talba tiġi milqugħa.

"Illi kif jidher għalkemm din hija azzjoni ta' spoll hemm differenza sostanzjali kemm fir-raġuni għaliex qed issir it-talba u kemm fir-rimedju mitlub mill-attur; solitament l-attur f'kawża ta' spoll jitlob li jiġi reintegrat fil-pussess u mhux jitlob ordni biex il-konvenut ma jibqax jikkommetti l-allegat spoll.

"Illi ma hemmx dubju li l-konvenuti qegħdin jgħaddu mill-passaġġ in kwistjoni – huma stess jgħidu li ilhom jgħaddu minn hemm mill-1977. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk il-kwistjoni prinċipali f'din il-kawża hija jekk l-atturi kellhomx jirrikorru għal din l-azzjoni biex jirrisolvu l-vertenza li għandhom mal-konvenuti. Il-Qorti hawnhekk tagħmilha ċara li **mhux sejra u ma tistax tiddeciedi jekk huma għandhomx dan id-dritt** għaliex dan irid bilfors ikun deċiż f'azzjoni *confessoria* jew *negatoria*. Għalhekk il-kwistjoni ta' jekk il-konvenuti għandhomx postijiet oħra minn fejn jistgħu jaċċedu għall-ghalqa tagħhom huma mmaterjali għal din il-kawża. Fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju 1956 fl-ismijiet **"Vincenzina Cassar et vs Annetto Xuereb Montebello"** l-istess Qorti qalet illi:

*"Il-ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta' dawn il-liġijiet fis-sens li l-azzjoni ta' spoll hija 'di ordine pubblico', unikament u esklussivament intiża biex timpedixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh mingħajr l-intervent tat-Tribunal Ċivili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta' aġir simili. Għalhekk il-liġi tivvjeta l-allegazzjoni ta' kwalsiasi eċċezzjoni li ma tkunx dilatorja kontra r-reintegrazzjoni u tiċċirkoskrivi l-eżami tal-Qorti għall-fatt biss tal-pussess u tal-ispoll denunzjat. Ir-reintegrazzjoni għandha dejjem tiġi ordnata mill-Qorti, kwantunkwe l-pussess jista' jkun vizjat u min jikkometti l-ispoll ikun il-veru propjetarju tal-ħaġa li minnha l-possessur tagħha jkun ġie spoljat."*

"Illi f'din is-sentenza l-Qorti ċċitat sentenza riportata fil-**Volum XXXIII-ii-83** illi irriteniet *"che la reintegrazione dovra' essere dalla Corte ordinate, comunque viziato possa essere il possesso dell' attore, comunque il citato possa essere il vero propietario della cosa di cui l' attore*

*avesse sofferto lo spoglio; sicche' l' indagine intormo alla legittimita' del possesso, da farsi in altra sede, tornerebbe oziosa in questo giudizio".*

"Illi fis-sentenza **"Delia vs Schembri"** (Prim' Awla – 4 ta' Frar 1958) ġie ritenut illi:

*"L-azzjoni ta' spoll iservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x'ikun ... li jiġi vjolentement jew okkultament meħuda mingħand il-possessur jew detentur u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata ... jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti."*

"Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato"*. (**Vol III Sez. 52**).

"Illi kif ukoll intqal fil-kawża **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit"** deċiża fit-12 ta' April 1958:

*"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi impedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat."*

"Illi l-Artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili li jitkellem dwar l-azzjoni ta' spoll, jgħid illi l-attur f'kawża simili *'jitlob ... li jerġa' jiġi mqieghed fil-pussess jew detenzjoni ..."*. F'din il-kawża pero' l-attur, wara li qed jitolbu d-dikjarazzjoni illi ġie kommess l-ispoll, jitolbu inibizzjoni imposta fuq il-konvenuti milli jgħaddu minn dak il-passaġġ. Hawn ta' min jgħid li l-awtur **Torrente (Manuale di Diritto Privato**, paragrafu 213) jgħid illi *"le servitu' affermattive anche se non apparenti, … possono essere difese con l' azione di spoglio' ... non possono invece, formare oggetto di azione di reintegrazione le servitu' negative, perche non sono suscettibili di possesso ..."* F'dan il-każ l-atturi qed

jitolbu l-Qorti tiddikjara illi l-konvenuti ikkomettew spoll meta rreklamaw id-dritt ta' passaġġ, ossia servitu affermattiva tagħhom li minnha qed jitolbu difiża. Għalhekk il-konvenuti jkollhom id-dritt li jipproċedu jekk jistabbilixxu li kienu jużaw il-passaġġ u ġew imwaqqfa; jistgħu pero' l-atturi jekk jiġi stabbilit li l-konvenuti għaddew għall-ewwel darba fiż-żmien indikat minnhom jgħidu li ġie kommess spoll u jagħmlu t-talbiet li qed jagħmlu f'din il-kawża?

"Illi l-kweżit mhuwiex wieħed faċli, iżda kollox ma' kollox il-Qorti tħoss li l-azzjoni ta' spoll mhijiex dik indikata fi kwistjoni simili. Huwa fatt li l-Qrati tagħna jirrikonoxxu illi anke bejn il-gabillotti għandhom ikunu rikonoxxuti drittijiet u obbliġi normalment applikabbli bejn is-sidien biex ikun aċċertat konvivenza ċivili bejniethom – kif huwa spjegat mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1958 fil-kawża fl-ismijiet **"Bartolo vs Vella"**. Madankollu kif ġja' ngħad, l-Artikolu 535 stess jgħid illi l-attur f'kawża simili jrid jitlob reintegrazzjoni u f'din is-sitwazzjoni ma hemm xejn x'jiġi reintegrat. Ma hemmx kwistjoni per eżempju ta' xi ħajt illi nfetaħ u allura jrid jerġa jingħalaq. L-awtur **Trabucchi (Commentario breve al Codice Civile**), f'paġna 1044 jgħid *"Per integrare la fattispecie dello stato e' necessario che' la privazione del possessore abbia u carattere duraturo, non bastando all' uopo un' occasionale, provvisoria, limitazione dell' altrui godimento"*. Stabbilit dan, billi l-atturi qed jagħmlu t-tieni talba bħala konsegwenza tal-ewwel waħda, il-Qorti bilfors trid ukoll f'dan ir-rigward tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju u m'għandhiex għalfejn tidħol fi kwistjonijiet oħra mqajma fil-kors tal-kawża u kwindi lanqas fir-rigward tal-ewwel tlett eċċezzjonijiet tal-konvenuti."

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu biex din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' Marzu 2012, fil-kawza fl-ismijiet premessi, u tipprovdi billi minflok tilqa' r-raba' u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenuti u

tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

Rat ir-risposta tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, issottomettew illi kemm fil-mertu kif ukoll minn aspett guridiku, is-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi konfermata fl-intier taghha;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din hi kawza ta' spoll, bl-atturi jghidu li ghandhom pussess ta' ghalqa gewwa l-Qrendi u, li l-konvenuti, li jipposjedu l-ghalqa biswit, jippretendu li jghaddu minn fuq l-art tal-attur biex jaccedu ghall-ghalqa taghhom.

L-ewwel Qorti ma dehrilhiex li kellha tidhol biex tezamina l-elementi ta' spoll peress li fil-fehma taghha, ma hemmx reintegrazzjoni x'jigi ordnat, peress illi kull ma sar kien li l-konvenuti ghaddew minn fuq l-ghalqa f'idejn l-atturi minghajr ma kkrejaw xi ostakoli (per ezempju, xi hajt) li jista' jfixkel lill-atturi fil-godimenti tal-ghalqa taghhom.

L-atturi appellaw mis-sentenza, u osservaw li l-konvenuti kkommettew spoll ghax effettivament ghaddew minn fuq iz-zergha u fixkluhom fid-dgawdija esklussiva li kellhom tal-ghalqa li huma jahdmu.

Fl-ewwel lok, din il-Qorti qed tiddeciedi li hi mhux se tikkonsidra d-dokumenti li l-atturipprezenta mar-rikors tal-appell tieghu, u b'hekk qed tilqa' l-ilment fir-rigward li ressqu l-konvenuti appellati.  Dawn id-dokumenti, li r-rilevanza taghhom hi dubjuza, kienu disponibbli ghall-atturi fi stadju tal-provi quddiem l-ewwel Qorti, u kwindi kellhom u setghu, se mai, jigu pprezentati quddiem l-ewwel Qorti.  Il-fakolta` li taghti l-ligi ghall-ipprezentata ta' dokumenti mar-rikors tal-appell, ma ghandhiex tigi abbuzata biex biha dak li jkun iressaq provi godda fi

stadju ta’ appell, provi li messhom u setghu jitressqu quddiem “the trial court”.

Trattat issa l-meritu, jirrizulta mill-provi li z-zewg nahat ilhom fil-pussess tal-porzjoni tal-ghelieqi in kwistjoni ghal snin twal. Sid l-art huwa l-Gvern u fl-2000 hareg skema biex bdiewa li jkunu qed jahdmu l-art ghal tal-anqas sentejn, ikollhom jew ma jkollhomx titolu, ikunu jistghu japplikaw mal-awtorita` kompetenti sabiex l-art tigi registrata fuq isimhom. Iz-zewg partijiet applikaw taht din l-iskema, bil-konvenuti, pero`, jindikaw “passagg” fuq l-art tal-atturi. Apparti dan, jirrizulta bhala fatt li lejn l-ahhar ta’ April u l-bidu ta’ Mejju tal-2008, il-konvenuti utilizzaw dan il-“passagg” fuq art tal-atturi biex jidhlu fl-ghalqa li jippossjedu huma. Jirrizulta wkoll li, ghalkemm il-konvenuti ma holqux ostakolu fuq dik il-porzjoni tal-ghalqa tal-atturi li uzaw bhala passagg, qed jghaddu mill-ghalqa mizrugha, anke b’ingenji, u b’dan il-mod qed jghamlu hsara lill-prodotti tal-atturi. Dan hu bizzejjed, fil-fehma tal-Qorti, biex jigu radikati l-elementi ta’ spoll. L-atturi ghandhom porzjoni ghalqa fil-pussess taghhom u l-konvenuti, allegatament bil-mohbi, qed jghaddu minn fuq din l-ghalqa u jghamlu danni lill-istess. Ghalkemm ma tellghux hajt, il-konvenuti jridu jirreintegraw l-ghalqa fl-istat li kienet, cioe`, ghalqa minghajr passagg go fiha u bil-prodott mhux mittiefes. Dan hu mod realistiku ta’ reintegrazzjoni; mir-ritratti esebiti jidher li l-konvenuti qed joholqu dritt ta’ passagg minn fuq l-ghalqa f’idejn l-atturi, u dawn ghandhom dritt jinsistu li dan il-“passagg” jitnehha.

Jinghad “allegatament bil-mohbi”, peress li l-konvenuti jghidu li ilhom zmien twil (“mis-snin sebghin”) jghaddu minn hemm. Jekk din l-allegazzjoni tigi ppruvata, allura ma jibqax aktar bazi tal-azzjoni ta’ spoll peress li jkun jonqos l-element ta’ klandestinita` fl-agir tal-konvenuti.

Issa mill-provi jirrizulta li kien hemm zmien li l-konvenuti jew l-awturi taghhom kienu jithallew jghaddu minn fuq l-art tal-atturi, izda dan bil-permess u l-bona volonta` tal-istess atturi. Dan sehh peress li l-bdiewa fl-inhawi kienu jizirghu il-qamh u meta kien jasal iz-zmien tal-hsad, kienu jaghmlu hazda flimkien u allura l-konvenuti, jew l-awturi taghhom,

kienu jithallew jghaddu minn fuq il-porzjoni issa f'idejn l-atturi ghal dan l-iskop. Issa, l-atturi waqfu jizirghu l-qamh u l-konvenuti, izda, qed jippretendu li xorta wahda jghaddu min-nofs l-ghalqa tal-atturi, meta jkun iz-zmien tal-hsad. Bil-fatt li l-konvenuti kienu jithallew jghaddu minn gol-ghalqa tal-atturi, ma titnissilx pretensjoni jew jedd ta' passagg. Il-konvenuti kienu juzaw l-ghalqa tal-atturi bhala access facli ghall-ghalqa taghhom, izda dan bil-bona grazzja tal-atturi minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-prodott mizrugh fiz-zewg ghelieqi. Kien hemm "ftehim" li pero` ma giex imgedded mill-2008 'l quddiem. Issa li dawk ic-cirkostanzi tbiddlu, il-konvenuti ma jistghux jippretendu li jibqghu jghaddu mill-istess post kontra r-rieda tal-atturi. Il-Qorti trid tenfasizza li meta lil gar jinghata permess biex jinqeda b'xi haga mhux fil-pussess tieghu, darba li hekk ikun inqeda ghal dik l-okkazjoni partikolari, il-gar ma jistax jippretendi li jibqa' jinqeda b'dik il-haga kull meta jkollu bzonn, u kontra r-rieda tal-pussessur taghha.

Meta kien qed jinzera' l-qamh f'kull porzjon, kienet issir "gabra wahda tal-qamh", u bil-ftehim mal-atturi kienu jghaddu minn fuq l-ghalqa tal-istess atturi – ghalkemm qatt min-nofs l-ghalqa. Dak kien, pero`, "passagg stagjonali" u wara li jinkiseb permess tal-atturi, u dawn ic-cirkostanzi ma jaghtux dritt lil dak li jkun ikompli bl-arrangament anke meta l-prodott mizrugh jinbidel.

Jekk il-konvenuti ma ghandhomx passagg jew access ghar-raba li jgawdu, u jekk ghandhom titolu validu fuq l-art li qed jahdmu, jistghu jitolbu lis-sid jipprovdilhom access, pero`, ma jistghux jippretendu, b'mod unilaterali, li jghaddu minn fuq ir-raba tal-atturi. Darba li l-atturi ghandhom pussess esklussiv tal-ghalqa, ghandhom dritt jaraw li parti minnha ma tigix mharbta mill-girien, u dawn huma obbligati li jirriprestinaw l-ghalqa fl-istat li kienet.

Din il-Qorti ma tistax, pero`, f'dawn il-proceduri, tinibixxi lill-konvenuti milli jaccedu minn fuq ir-raba li jiddetjenu l-atturi, peress li decizjoni simili tinvolvi stharrig fil-petitorju. Din il-Qorti, ghall-fini ta' din il-kawza, mhux qed tghid li l-konvenuti ma ghandhomx dritt jghaddu minn fuq ir-raba li

jiddetjenu l-atturi, u lanqas ma hi qed tghid li ghandhom xi dritt simili; li qed tghid hu li l-konvenuti, la darba l-koncessjoni li taw l-atturi jew l-awturi taghhom fil-passat issa giet irtirata, ghamlu hazin meta qabdu u dahlu fl-ghalqa tal-atturi minghajr il-permess tal-atturi.  Sa hawn biss tasal din is-sentenza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell imressaq mill-atturi billi tilqa’ l-istess in parte, tirrevoka u thassar is-sentenza tal-ewwel Qorti tat-30 ta’ Marzu, 2012, u tghaddi biex tilqa’ l-ewwel talba attrici, u l-ewwel parti tat-tieni talba attrici, u dan billi tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien tletin (30) jum millum iqeghdu mill-gdid l-ghalqa f’idejn l-atturi u dan fl-istat li kienet qabel l-agir spoljattiv taghhom; tichad il-bqija tat-tieni talba attrici.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-konvenuti appellati in solidum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------